MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Numru. 679/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur David Saliba)**

**vs**

**Omissis**
**Charles sive Charlo Cutajar**
**Brian Mallia**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati omissis u l-imputat Charles sive Charlo Cutajar ta' 39 sena, bin Domenic u Odette nee' Giacosa, imwieled Borma fit-18 ta' Mejju 1963 u residenti 'Hibscus', Triq il-Qalliet, M'Scala u detentur tal-karta tal-identita' numru 275063(M) u l-imputat Brian Mallia ta' 28 sena, bin Louis u Rita nee' Borg, imwieled Pieta' fil-11 ta' Lulju 1974 u residenti 79, Bajjada Street, Zabbar u detenur tal-karta

tal-identita' numru 321374(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Fil-15 ta' Frar, 2003 ghal habta ta' 12.30p.m. mill-hanut bl-isem 'Record Centre', li huwa sitwat f'Regency Hse, Ground Floor, il-Belt Valletta ikkommettew serq ta' diversi settijiet tat-telefon cellulari li l-valur taghhom jeccedi l-valur ta' Lm100 izda inqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' Francesco Debono liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

Akkuzati ukoll talli huma ricedivi b' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Marzu 2004 (esebit a fol. 26 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2004 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati Brian Mallia u Charles sive Charlo Cutajar kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-23 ta' Lulju 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati Brian Mallia u Charles sive Charlo

Cutajar, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imsemmija imputati hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li r-res furtiva illum il-gurnata tinsab fil-pussess tal-Pulizija u l-fatt li z-zewg imputati huma recidivi u jidrilha li ghandha tapplika piena karcerarja effettiva anki jekk fil-minimum minhabba it-trapass ta’ zmien.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 279(a), 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati Brian Mallia u Charles sive Charlo Cutajar hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u tikkundannhom seba’ (7) xhur prigunerija kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------